*- Incident fuq il-post tax-xoghol-*

*- Obbligu ta' min ihaddem - Ambjent li jassigura s-sahha tal-haddiem -*

*- Att. Nru. VII ta' l-1999; Art.2 (2) -*

*- Art. 1045 tal-Kap 16 -*

*- Dizabilita' Permanenti; Likwidazzjoni ta' danni -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju, 2001**

**Kawza Numru: 8**
**Citazzjoni Numru: 1775/98/RCP**

**Eugenio Cassar**

**vs.**

**Hallett Construction Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur hu impjegat bhala *'construction foreman'* mas-socjeta' konvenuta f'Hal-Qormi (Dok A).

Illi l-attur ikun ordnat li jaghmel xoghol ta' '*masonry worker'*, liema xoghol ma jaqax fid-doveri ta' l-impjieg ordinarju tieghu, ossia dak ta' *'foreman'*.

Illi a kawza ta' tali xoghol, l-attur fid-19 ta' Novembru 1997 korra u sofra disabilita' ta' natura permanenti u danni ohra, u ghalhekk is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni li sofra u li jista' jsofri l-attur. (Dok B, DOK C u DOK D).

Illi ghalhekk l-attur sofra danni ta' natura ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

L-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara l-konvenut nomine responsabbli ghad-danni li sofra l-attur fil-kors ta' l-impjieg tieghu fuq il-post tax-xoghol nhar id-19 ta' Novembru 1997

2. Tillikwida d-danni tant bhala *damnum emergens* u *lucrum cessans*, sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn anke b'opra ta' perit nominandi, u

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta nomine thallas lill-attur id-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez u l-imghax, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Awissu 1998 kontra l-konvenut nomine li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 11 tal-process;

Rat il-verbali tas-16 ta' Marzu 1999 u tal-15 ta' Lulju 1999.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Ottubru 1999 (fol 25 tal-process).

Rat li ghalkemm notifikata s-socjeta` konvenuta baqghet ma prezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tas-7 ta' Dicembru 1999 u tas-17 ta' Frar 2000.

Rat in-nota ta' Eugenio Cassar tad-29 ta' Frar 2000 fejn permezz taghha esebixxa zewg estratti minn gazzetti lokali tal-15 ta' Jannar 2000 u tas-16 ta' Jannar 2000 rispettivament.

Rat il-verbali tas-6 ta' April 2000, tal-14 ta' Gunju 2000 fejn xehed Eugenio Cassar, tat-12 ta' Lulju 2000, tas-7 ta' Dicembru 2000, tal-1 ta' Marzu 2001 fejn xehed Mr Francis X Darmanin u Dr Ludvic Caruana ghall-attur iddikjara li

m'ghandux provi aktar. Il-Qorti tat il-fakolta lis-socjeta` konvenuta biex tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) jum bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha ghoxrin (20) jum biex tirrispondi u halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) RESPONSABILITA' TAL-INCIDENT.

Illi l-attur qed jallega li meta kien impjegat bhala *foreman* mas-socjeta' konvenuta, huwa gie mqabbad jaghmel xoghol ta' *masonry worker*, li ma kienx parti mill-manzjonijiet tieghu u fid-19 ta' Novembru 1997 waqt li kien qed jaghmel l-istess xoghol huwa wegga u sofra dizabilita' ta' natura permanenti, u ghalhekk qed jitlob l-hlas ta' danni ghall-istess incident minghand is-socjeta' konvenuta.

Illi mill-provi prodotti **Eugenio Cassar** xehed fl-14 ta' Gunju 2000, sostna li huwa kien bennej, wara l-lahaq *foreman*, izda peress li kien hemm nuqqas ta' nies, gie ordnat sabiex jaghmel xoghol ta' tqeghid ta' gebel, u hekk ghamel u waqt li kien qed jaghmel tali xoghol wiehed mill-kantuni inferaq, u nqassam u qabadlu l-kappell ta' subajh, u qataghhulu.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li meta sar l-incident l-istess konvenut ma kienx qed jaghmel ix-xoghol li huwa kien innominat li jaghmel bhala *foreman*, izda kien fil-fatt qed jaghmel xoghol ta' tqeghid ta' gebel, u dan ghar-raguni unika li s-socjeta' konvenuta ordnatlu sabiex jaghmel dan l-istess xoghol minhabba li kellha nuqqas ta' impjegati tas-sena.

Illi ghalkemm jirrizulta li l-istess attur kien qabel jaghmel dan ix-xoghol sakemm gie promoss ghax-xoghol ta' *foreman*, ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li ix-xoghol ta' tqeghid ta' gebel hija sengha, li apparti l-kapacita' tal-haddiem, sabiex tigi ezercitata minghajr ebda perikolu, irid ikun hemm tahrig fiha, u wkoll trid tigi prattikata ghal tul taz-zmien.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-fatt li s-socjeta' konvenuta, meta kellha bzonn jew meta thoss hija, kienet taqla' lill-attur minn fuq il-mistjier tieghu bhala *foreman* sabiex jaghmel dak li kien hemm bzonn inkluz f'dan il-kaz tqeghid ta' gebel,  kien qed johloq perikolu ghall-istess attur, stante li kienet qed taqalghu minn xoghol ghall-iehor, u kienet b'hekk qed tohloq stat ta' instabbilita' u nuqqas ta' certezza fl-operat tal-istess attur, b'dan li l-istess attur ma kellux zmien bizzejjed sabiex jadatta ruhhu ghax-xoghol li kien attwalment qed jaghmel, bil-konsegwenza li dan l-ispostament minn manzjoni ghall-ohra fih innifsu holoq perikolu fl-esekuzzjoni tax-xoghol da parte tal-istess attur, u taht dan l-aspett is-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghall-incident *de quo* soffert mill-istess attur,

meta dan gie ordnat u dirett sabiex jaghmel xoghol iehor li ma kienx parti mir-responsabilitajiet tieghu ta' *foreman*, u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghall-istess incident.

Illi jigi relevat li *ai termini* tal-**Att biex jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta' l-1994 fl-artikolu 2 (2)** tal-istess jinghad li:-

***Art. 2 (2) (a)*** *"Illi huwa dmir ta' min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikoli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema".*

***Art.2 (2) (b)*** *"Huwa dmir ukoll ta' min ihaddem li jizgura illi kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista' jigi evitat ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu u ta' haddiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nnifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, minhabba dak fuq premess, is-socjeta' konvenuta meta ordnat lill-attur sabiex jaghmel xoghol li ma kienx impjegat biex jaghmel, naqset milli tipprovdi ghalhekk lill-attur b'post tax-xoghol hieles minn sogru bla bzonn ghas-sahha tieghu u minn perikoli ohra imsemmija fl-istess artikoli appena citati, anzi bl-ordni taghha holqot l-istess perikolu.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta skond kif gie ritenut fis-sentenza **“Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited”** (.P.A. R.C.P. 25 ta’ Jannar 2000) *“ma pprovdietx dak li kellha tipprovdi “a safe system of work”, b’dan li ma osservatx id-dover taghha li tippovdi post tax-xoghol li ma jkunux ta’ perikolu u riskji ghas-sahha tal-istess utent taghhom* (**“Carmelo Cini vs Carmel Caccopardo nomine” - N.A. 5 ta’ Ottubru 1999);** fil-fatt gie dikjarat fis-sentenza **“Borg vs Wells et nomine” (K. 9 ta’ Settembru 1981)** illi *“ in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work”,* u dan tenut kont *“tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta’ ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq ix-xoghol”,* u f’dan il-kaz anke li l-istess attur kien qed jaghmel xoghol differenti minn dak li ghalihom kien ingaggat.

Illi tenut kont tal-principju stabbilit fis-sentenza **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon” (P.A. 30 ta’ April 1997),** reitterata fis-sentenzi **“Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine” (Appell. 7 ta’ Dicembru 1994) u “Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine” (P.A. 12 ta’ Frar 1999)** il-Qorti sostniet illi bl-applikazzjoni tal-artikoli appositi, huwa obbligu ta’ min ihaddem biex jipprovdi kondizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu. Tal-istess portata hija s-sentenza ricenti **“Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited”** (P.A. AJM 26 ta’ Frar 2001) fejn

inghad li s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

(B) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

Illi jirrizulta li l-attur jaqla' s-salarju ta' Lm6,563 fis-sena mas-socjeta' konvenuta' kif jirrizulta mid-dokument a fol. 42 tal-process.

Illi jirrizulta li l-istess attur li twieled fis-sena 1959 kellu tmienja u tlettin sena meta sehh l-istess incident fis-sena 1997 u wiehed fil-likwidazzjoni ta' danni ghandu jiehu kont ghalhekk tal-**Artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jipprovdi li l-*"persuna responsabbli ghandha twiegeb (*inter alia) *ghat-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".* **Fl-artikolu 1045 (2)** tali "*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u il-grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara".*

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A.C. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza

**“Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et”** (A. 16 ta’ Novembru 1983) *“ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-Gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu”.*

Illi hekk, per ezempju, ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero’ llum bis-sentenza **“Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine”** (A.C. 26 ta’ Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f’ “**Butler vs Heard**” hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta’ komputazzjoni ohra aktar gusta, pero’ dan ma jfissirx illi “*Il-Qorti ghandha jew tista’ tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma’ applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha idejha li dejjem u f’kull kaz ghandha tapplika multiplier li f’certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche’ thalli f’idejn il-gudikant dak il-margni ta’ diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma’ l-aspetti partikolari ta’ kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja”.*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **“Vincent Axisa vs Alfred Fenech et”** (P. A. 16 ta’ April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *“ din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandiex tkun marbuta ma decizzjonijiet li jillimitaw l-life expectancy sa massimu ta’ ghoxrin sena”, u* tali principju gie konsistentement segwiet

u zvillupat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinistiku".* **("Karen Zimelli vs Michael Sammut" - P.A.)**

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et"** (P.A. 1.3.1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. 8 ta' Marzu 1996); **"Robert Barbara vs Saviour Galea"** (P.A.11 ta' Ottubru 1996); **"Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. N.A. 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (App. 7 ta' Lulju 1998); **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et"** (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998); **"Abela vs P.M."** (30 ta' Dicembru 1994), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering",* giet mehuda ukoll oltre f'certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom **"Mary Bugeja vs George Agius"** (P.A. J.H. 12 ta' Jannar 1987) li sostniet illi *"l-Qrati fil-pronincjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-*

*likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom … … … Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita'. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-realta'".* Din fil-fatt ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **"Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine"** (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u **"Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine"** (G.M.B.) fejn inghad illi *"L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali u ingust ta' haddiehor m'huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni".*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesgha imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-

istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, applikat ukoll fis-sentenzi **“Anton Debono vs Law. Quintano”** (P.A. RCP 24 ta’ Marzu 2000) u **“Raymond Gauci vs Chrisopher Galea”** (P.A. RCP 26 ta’ April 2001), jirrizulta li l-attur kellhu 38-il sena meta gara l-incident, u ghalhekk kellhu *“working life expectancy*” ta’ cirka 23 sena u fic-cirkostanzi ma thossx li ghandha tapplika *multiplier inqas*, minn dan l-ammont ta’ zmien, anke ghaliex ma ingabu ebda provi ghaliex dan ghandu jkun inqas.

Illi jirrizulta ukoll illi l-attur sofra debilita’ permanenti ta’ 5% skond ic-certifikat ta’ Mr. Francis Darmanin a fol. 7 u 8 tal-process fejn jirrizulta li l-attur sofra “*a partial amputation of the left thumb”* b’dan li l-attur qed jallega li qed isofri *“that function is moderately functionable with diminished sensation at tip and loss of pulp cushion at the radial aspect of thumb. This is causing inability to pinch and pick up small objects including buttons, nails and coins”.* Ghalhekk a bazi tal-premess, l-ammont li ghandu jigi likwidat favur l-attur huwa is-segwenti:-

Lm6,563 x 23 x 5% = Lm7,548.35

Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz ghandu jkun hemm tnaqqis ta’ *lump sum payment* ta’ 20%, u ghalhekk qed tillikwida l-ammont li ghandu jithallas lill-attur *in linea* ta’ danni kawza tal-incident premess ghall-Lm6,038.68,

(Lm7,548 - Lm1,509.67 (20% *deduction)* = Lm6,038,68) liema ammont ghandu jithallas lill-attur mill-istess socjeta' konvenuta.

Illi jinghad fl-ahharnett li dan huwa wkoll ibbazat fuq in-nozzjoni li skond is-sentenza **"Joseph Bartolo *et vs* George Zammit"** (P.A. GV. 30 ta' April 2001) fejn inghad li:-

*"The fixation of damages is so laregely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion.(Morris L.J. in* ***Scott vs Musial****)".*

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni li sofra l-attur fil-kors ta' l-impjieg tieghu fuq il-post tax-xoghol nhar id-19 ta' Novembru 1997.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' sitt elef tmienja u tlettin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm6.038.68).

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur id-danni li jigu hekk likwidati fl-ammont ta’ sitt elef tmienja u tlettin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm6.038.68).

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Awissu 1998 u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta’ Mejju 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta’ Mejju 2001**